# TIFKIRA TA' MALTA FIL-VATIKAN

Min idur dawra fil-Biblijoteka tal-Vatikan fejn jinżammu l-kotba l-qodma miktubin bl-id, jara fost il-kotba li darba kienu tal-Kard. Barberini ktieb sabiħ li żmien ilu kien hawn Malta u li kien ikollna biex niftaħru kieku baqa' għandna.

Dan il-ktieb fih is-Salmi ta' David miktubin f'ħames ilsna: etjopi, sorjan, kopti, għarbi u armen. Kien miktub fis-sêklu 14. Fis-sena 1626 kien jinsab l-Eġittu, fil-belt qadima Xêt, fil-kunvent ta' San Makarju. Fis-sena 2635 kien mixtri u meħud minn hemm għal għand sidu. Iżda fit-trîq waqa' f'idejn il-ħallelin tal-baħar, li serqu kull ma kellhom ir-rġiel li kienu jġorruh. Ftit wara l-ħallelin jinqabdu mill-baħrin ta' San Ġwann, u hekk dak il-ktieb sab ruħu Malta. Dik il-ħabta kien għadu kemm laħaq sultan ta' Malta Ġ. P. Laskri (1635 1657), li fi żmienu x-xwieni Maltin kienu qabdu bastiment kbir tork imgħobbi b'mitt ġid. Min jaf hux dik id-darba wasal Malta dak il-ktieb ?

Iżda ma damx Malta żmien twil. F'Settembru tas-sena 1637 is-sultan Laskri, biex juri qalbu lill-Kard. F. Barberini, li kien protettur tal-Ordni, bagħatlu dak il-ktieb li aktarx ma kienx jaf x'inhu.

Dan il-ktieb tas-Salmi aktarx li hu meħud minn Bibbja sħiħa b'ħames ilsna. F'Milan hemm żewġ kotba oħra bl-id, li fihom bċejjeċ tal-Bibbja b'dawk il-ħames ilsna. Biċċa oħra żgħira tinsab Londra fil-*British Museum*. Il-ktieb li kien Malta rajtu fil-Vatikan fis-sena 1921 u għandi ritratt ta' faċċata minnu. Min irid jarah, u kotba bħal dak ma tarahomx kif ġieb u laħaq, għandu jistaqsi għal *Cod. Vat. Barberini Or. 2.*

**P. P. Saydon.**